**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**

*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2026

**Laqgħa Numru 03**

23 ta' Marzu, 2026

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Tnejn, 23 ta' Marzu 2026 fl- 4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius - Sindku

Noyah Spiteri Hammett - Viċi Sindku

Martin Vella - Kunsillier

Rita Gatt - Kunsilliera

Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 03 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **03.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **03.01.01** | NIL |
| **03.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 03.02.01 | Il-minuti tas-seduta numru 02/2026 ġew approvati mill-Kunsilliera Rita Gatt u ssekondati mill-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammett. |
| **03.03** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 03.03.01 | Is-Sindku Marco Agius beda l-komunikazzjoni tiegħu billi informa lill-Kunsilliera li kellu laqgħa ma' Sur Tonna, fejn dan esprima x-xewqa li ssir kollaborazzjoni mal-Kunsill flimkien mal-Kor Tutta Pulchra. Il-proposta tinvolvi li, waqt in-novena li ssir fid-29 ta' Novembru, issir esekuzzjoni bl-orkestra, li l-ispiża tagħha tvarja bejn €700 u €800, kif ukoll li wara jsir riċeviment ġewwa s-sala tal-Kor Tutta Pulchra. L-ammont totali mitlub għal din l-attività huwa ta' €1500.<br><br>Il-Kunsilliera ddiskutew il-proposta u qiesu li hemm bżonn aktar informazzjoni, partikolarment peress li n-novena ssir filgħodu u jista' jkun li ma tattirax attendenza kbira. Għalhekk ġie deċiż li jintalab programm dettaljat tal-attività sabiex il-Kunsill ikun jista' jifhem aħjar qabel ma tittieħed deċiżjoni finali. |
| 03.03.02 | Is-Sindku Marco Agius kompla jinforma lill-Kunsill dwar żjara li saret f'Tunis flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, fejn iltaqgħu mal-kumpanija Blachere Illumination. Matul iż-żjara ġew murija l-faċilitajiet u l-warehouse tax-xogħol tagħhom. |

| | |
|---|---|
| | Waqt il-laqgħa saru diversi diskussjonijiet importanti li jistgħu jwasslu għal inizjattivi pożittivi għal Bormla. Is-Sindku spjega li waqt din iż-żjara esprima x-xewqa li jsir logo tal-Kunsill li jinxtegħel, bil-ħsieb li jitpoġġa fin-naħa t'isfel ta' Santa Tereża.<br><br>Il-prezz ġie kkomunikat lill-Kunsilliera, u ġie maqbul li l-Kunsill jipproċedi b'din l-inizjattiva. |
| 03.03.03 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi qara ilment li wasal lill-Kunsill minn residenti ta' Hubbard Flats. Ir-residenti talbu sabiex titwaħħal tabella li tindika "Hubbard Flats", biex ikun aktar faċli għall-pubbliku jsib dan il-post. Spjegaw li ħafna nies ma jafux fejn jinsab il-post, u dan qed joħloq diffikultajiet, inkluż meta jippruvaw jibbukkjaw taxi.<br><br>Is-Sindku żied li r-residenti esprimew ukoll ix-xewqa li jinbidlu n-numri preżenti, li huma miktubin b'format Ruman, għal numri aktar ċari u komuni, sabiex ikunu aktar faċli biex jinqraw minn dawk li mhumiex familjari man-numri Rumani.<br><br>Il-Kunsilliera Rita Gatt ikkonfermat li dan l-ilment kien wasal għandha u li hija għaddietu lill-Kunsill. Madankollu, wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, ma ntlaħaqx qbil dwar din il-kwistjoni. |
| 03.03.04 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsill li din is-sena, peress li hija sena kulturali tar-Reġjun Port, ser issir inizjattiva fejn jinħolqu pitturi f'lokalitajiet li jaqgħu taħt ir-Reġjun Port.<br><br>Huwa spjega li kien hemm diskussjonijiet mar-Reġjun Port sabiex dawn il-pitturi, eventwalment, jitkabbru u jintużaw bħala dekorazzjonijiet għall-arkati fit-Triq ir-Regatta. Fil-bidu kien hemm proposta li dawn il-pitturi jirrappreżentaw persuni magħrufa Bormliżi. Is-Sindku żied li ġew suġġeriti diversi ismijiet, u kien hemm ukoll l-intenzjoni li dawn jiġu mgħoddija lil Sur |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Mario Attard sabiex jingħata gwida dwar liema persuni ħallew l-akbar impatt fuq Bormla.<br><br>Madankollu, il-Kunsilliera preżenti ma qablux ma' din il-proposta, peress li tista' toħloq kontroversja, speċjalment jekk xi persuni jiġu esklużi jew minsija. Għaldaqstant, intlaħaq qbil li minflok isiru pitturi li juru xeni antiki Bormliżi, sabiex juru l-bidliet li għaddiet minnhom Bormla mill-passat sal-lum. |
| 03.03.05 | Is-Sindku Marco Agius kompla jinforma lill-Kunsill dwar l-użu tal-fondi allokati mir-Reġjun Port. Huwa spjega li kien hemm suġġeriment li dawn il-fondi jintużaw għall-kunċert Fusion, peress li din is-sena ser jkun hemm aktar għajnuna għal Cospicua Short Play Festival.<br><br>Madankollu, il-Kunsilliera ddiskutew il-kwistjoni u qablu li, jekk il-Cospicua Short Play Festival ikun diġà kopert finanzjarjament, ikun xieraq li l-fondi mir-Reġjun Port jintużaw għall-kunċert Fusion sabiex din l-attività tkun ukoll ta' suċċess. |
| 03.03.06 | Is-Sindku Marco Agius ippropona diversi dati lill-Kunsilliera sabiex tiġi ppjanata laqgħa pubblika, bil-għan li l-pubbliku jiġi informat dwar l-attivitajiet li ser isiru din is-sena kif ukoll dwar ix-xogħol li sar s'issa.<br><br>Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qablu li din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn, 13 ta' April, fl-4:00pm. |
| 03.03.07 | Is-Sindku Marco Agius kompla jinforma li l-Kunsill tat-Tfal ser isir nhar it-8 ta' April fl-4:30pm. Huwa staqsa lill-Kunsilliera min minnhom ikun disponibbli biex jattendi.<br><br>Il-Kunsilliera Rita Gatt ikkonfermat il-preżenza tagħha. |

| | |
|---|---|
| 03.03.08 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera dwar il-lista ta' stedini li ntbagħtu għal jum tal-għid u staqsa jekk hemmx xi persuni jew entitajiet li għandhom jiġu mistiedna u li forsi ma ġewx inklużi.<br><br>Il-Kunsilliera ddiskutew is-suġġett u qablu fuq lista finali ta' attendenza. Ġie wkoll deċiż li jiġu mistiedna erba' rappreżentanti minn kull kumitat u/jew għaqda Bormliża. |
| 03.03.09 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera dwar l-inizjattiva "Pjazza għal Pjazza" u ppreżenta d-diskussjonijiet relatati mal-attivitajiet proposti.<br><br>Wara konsiderazzjoni, il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill japplika għal din l-inizjattiva. |
| 03.03.10 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera dwar fondi oħra disponibbli mill-Fondazzjoni Kottonera. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi. |
| 03.03.11 | Is-Sindku kompla billi qara email mingħand is-Sa Scicluna, fejn informat li ser tkun qed torganizza birthday party ġewwa Peppi Delceppo, hekk kif ser jinkera mingħand il-kumitat tal-football. Hija staqsiet ukoll jekk hemmx bżonn bouncing castle għall-attività.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir komunikazzjoni ma' St George's FC sabiex jiġi ċċarat li huma għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe inċident li jista' jinqala', peress li l-post qed jinkera permezz tagħhom. |
| **03.04** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 03.04.01 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa jekk hemmx xi aġġornament rigward il-globi tal-knisja. Is-Sindku informa li l-kwotazzjonijiet ġew miġbura u li l-ordni se ssir fil-jiem li ġejjin. |

| | |
|---|---|
| 03.04.02 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa wkoll jekk jistgħux jiġu mmarkati l-linji tal-parkeġġ fi Triq San Ġwann, naħa tal-Mitħna. Is-Segretarju Eżekuttiv informat li ser tkun qed tinforma lill-ħaddiema sabiex ix-xogħlijiet jiġu pjanati. |
| 03.04.03 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa wkoll jekk huwiex possibbli li jsir dog bin wara l-Mitħna.<br><br>Kif ukoll, il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk huwiex possibbli li jsir dog bin ukoll ġewwa Matty Grima.<br><br>Wara qbil, is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota sabiex dawn il-bins jiġu ordnati. |
| 03.04.04 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa rigward ir-road humps fi Triq l-Oratorju u għaliex tneħħew.<br><br>Is-Sindku informa li dawn tneħħew minħabba l-istorbju, kif ukoll minħabba problema oħra peress li ħadd ma jridhom quddiem biebu. Is-Sindku ser ikun qed jistaqsi jekk jistgħux isiru tat-tarmac. |
| 03.04.05 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk huwiex possibbli li ssir tabella li tidher sew li tindika li hemm public convenience. Is-Sindku ma sab l-ebda oġġezzjoni.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammett talbet li tiġi skużata. |
| 03.04.06 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa x'jista' jsir quddiem il-knisja fejn hemm it-taraġ, peress li l-ewwel tarġa qed tidher ftit perikoluża (intwera ritratt).<br><br>Is-Sindku ser ikun qed jara jekk huwiex possibbli li jinstab spazju għal tabella "Mind the step". |

| | |
|---|---|
| **03.05** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 03.05.01 | Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 03 għad-disa' leġiżlatura u l-petty cash ta' Frar 2026.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda numru 03 għad-disa' leġiżlatura, waqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekondat.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella approva wkoll l-approvazzjoni tal-petty cash ta' Frar, u l-Kunsilliera Rita Gatt issekondat. |
| **03.06** | **Mozzjonijiet / Rakommandazzjonijiet** |
| 03.06.01 | Mozzjoni numru 08:<br><br>Suġġett: Railing Dock 1<br><br>Qiegħed inressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Sabiex issir railing mad-dawra ta' fejn hemm il-ħofra fit-tarf tal-baċir no. 1.<br><br>Proponent: Martin Vella<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu. |
| 03.06.02 | Mozzjoni numru 09:<br>Suġġett – Skemi – L-ewwel Parti<br>03. Ghaziza Segretarju Ezekuttiv,<br>Qiegħed nressaq dawn l-iskemi mibgħuta mill-Gvern Lokali (l-ewwel parti) sabiex jiġu approvati biex inkunu nistgħu napplikaw għalihom meta jkun il-waqt. Nistgħu wkoll niddiskutu x'jista' jsir.<br><br>SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026) |

| | |
|---|---|
| | SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026)<br><br>SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).<br><br>Proponent : Marco Agius<br>Sekondant: Glauber Spiteri |
| 03.06.03 | Mozzjoni numru 08:<br><br>Suġġett – Skemi (Tieni Parti)<br><br>Ghaziza Segretarju Ezekkutiv,<br><br>Kif ukoll nixtieq li napprovaw l-iskemi (it-tieni parti) mibgħuta mill-Gvern Lokali sabiex inkunu nistgħu napplikaw għalihom meta jkun il-waqt.<br>Dawn l-iskemi huma kif ġej:<br>• SPI.SCI.04.2026 – Finanzjament: Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali<br>(Data tal-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)<br>• SPI.SCI.05.2026 – Finanzjament: Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalità<br>(Data tal-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026)<br>• SPI.SCI.06.2026 – Finanzjament: Karnival 2027<br>(Data tal-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026)<br>Din il-mozzjoni qed tiġi mressqa sabiex il-Kunsill jiddiskuti u japprova dawn l-iskemi bil-għan li jsiru l-applikazzjonijiet meħtieġa fil-ħin stipulat. |

| | |
|---|---|
| | Proponent : Marco Agius<br>Sekondant : Glauber Spiteri |
| 03.06.04 | Email mingħand Adrianna Ellul Grech għall-approvazzjoni sabiex jaraw jekk il-kunsill huwiex interessat li bħala Cottonera Community Services jkun hemm l-possibbiltà li ssir preżentazzjoni flimkien mas-servizzi tal-Protezzjoni tat-Tfal.<br>L-għan ta' din il-preżentazzjoni huwa li bħala stakeholders, issiru aktar familjari max-xogħol li jsir minn Cottonera Community Services kif ukoll max-xogħol tas-servizzi tal-Protezzjoni tat-Tfal. Barra minn hekk, din se tgħin biex ikun hemm aktar ċertezza dwar meta s-servizzi tal-Protezzjoni tat-Tfal għandhom jiġu involuti u meta le.<br>Huma jemmnu li din l-inizjattiva tista' tkompli ssaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn is-servizzi kollha involuti u ttejjeb il-koordinazzjoni għall-ġid tal-komunità. |
| **03.07** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 03.07.01 | Is-Seduta ġiet imtmmija fil-18:30 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 16 ta' April, fl-16:00pm. |

Konfermati, illum ________________

______________ ______________________

**Marco Agius** **Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*